**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021**

**Rikors Nru: 656/2021**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 802/2021 fl-ismijiet:**

***JOHAN HUY F'ISMU PERSONALI U GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' WHITE SAILS CO. LTD***

***VS.***

***MARK ATTARD***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talbiet imressqa minn Mark Attard: (i) sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtetatorju bin-numru 802/2021 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(d)** u/jew **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (ii) sabiex Johan Huy *pro et noe* jiġi kkundannat iħallas penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8) (b)** u/jew **(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fil-**5 ta' Lulju, 2021**, Mark Attard fisser li huwa ġie milqut b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju 802/2021, fis-somma ta' €200,000, maħruġ fuq talba ta' Johan Huy f'ismu stess u fuq isem White Sails Co. Ltd;

3. Huwa jtenni li dan kien it-tielet mandat li rċieva fuq talba ta' Johan Huy *pro et noe* dwar l-istess tilwima. Filwaqt li l-ewwel żewġ mandati bin-numri 676/2021 u 677/2021 kienu nħarġu fuq is-somom ta' €50,000 u €100,000 rispettivament, dan l-aħħar mandat inħareġ fuq is-somma ta' €200,000;

4. Il-mandat 676/2021 fis-somma ta' €50,000, ġie dikjarat li m'għadux fis-seħħ, b'digriet mogħti mill-Imħallef sedenti fit-28 ta' Ġunju, 2021, filwaqt li l-mandat l-ieħor 677/2021 qiegħed suġġett għall-proċeduri ta' revoka quddiem Imħallef ieħor;

5. Mark Attard jixli li dawn it-tliet mandati, inkluż l-aħħar wieħed, li huwa suġġett ta' dan id-digriet, inħarġu b'rieda ħażina u mingħajr ebda jedd *prima facie* fil-liġi;

6. Jispjega li Johan Huy *pro et noe* talab il-ħruġ ta' dawn il-mandati b'ħażen minħabba li huwa fetaħlu proċeduri ta' żgumbrament, li bħalissa jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri);

7. Iżid jgħid ukoll, li qabel il-ħruġ ta' dawn il-mandati, huwa qatt ma kien irċieva xi talba mingħand Johan Huy jew White Sails Co. Ltd sabiex iħallas xi danni jew biex jipprovdi xi garanzija;

8. Għalhekk huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara – u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta – illi l-ammont reklamat mis-sekwestrant Johan Huy pro et noe fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 820/2021 mhux talli mhuwiex prima facie ġustifikat iżda huwa ineżistenti u vvintat;*
>
> *(ii) tiddikjara – u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta – illi fiċ-ċirkostanzi ottenenti ta' dan il-każ mhuwiex*

*raġjonevoli illi jinżamm fis-seħħ ta' dan il-mandat u/jew li dan il-mandat mhuwiex ġustifikabbli;*

*(iii) konsegwentement, tordna illi l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021 m'għandux jibqa' fis-seħħ u tawtorizza l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat;*

*(iv) tikkundanna lis-sekwestrant Johan Huy pro et noe biex iħallas lir-rikorrent odjern Mark Attard penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 (liema penali l-esponenti jitlob li fiċ-ċirkostanzi ottenenti għandha tkun fl-ammont massimu ta' €6,988.12) u dan b'konsegwenza tal-fatt illi -:*

*(a) is-sekwestrant Johan Huy pro et noe m'għandu ebda bażi biex jiġġustifika li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 802/2021 kellu jinħareġ oltre illi naqas milli jitlob lill-esponent biex ħallas l-allegati danni jew jipprovdi sigurtà biżżejjed qabel ma ppreżenta il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan a tenur tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12; u/jew*

*(b) it-talba tas-sekwestrant Johan Huy għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 676/2021 kjarament saret b'malizzja, u dan a tenur tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestrant Johan Huy pro et noe u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra talvolta spettanti lill-esponent skond il-liġi.»*

9. B'digriet tagħha tas-**<u>7 ta' Lulju, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil Johan Huy *pro et noe*, bi żmien sebat ijiem għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Mark Attard;

10. Minkejja li Johan Huy *pro et noe* ġie notifikat fit-**<u>12 ta' Lulju, 2021</u>**, huwa għażel li ma jdaħħal l-ebda nota jew tweġiba;

***Fatti***

11. Bejn Mark Attard u Johan Huy kien hemm relazzjoni ta' sid u kerrej. Mark Attard għażel li ma jġeddidx il-kirja wara l-aħħar ta' Awwissu 2020 għaliex Johan Huy kien waqa' lura fil-ħlas tal-kera;

12. B'sentenza mogħtija fid-**9 ta' Diċembru, 2020**, il-Bord Li Jirregola l-Kera ta sentenza, li bis-saħħa tagħha laqa' talba ta' Mark Attard, biex Johan Huy jitlaq mid-dar, bl-isem '*Denise'*, li tinsab fi Triq is-Soll, Santa Venera. Johan Huy appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) u l-appell jinsab imħolli għas-sentenza finali għat-22 ta' Settembru, 2021;

13. Fil-**5 ta' Mejju, 2021**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet żewġ talbiet, waħda ta' Johan Huy u oħra ta' White Sails Co. Ltd, biex jinħarġu żewġ mandati ta' sekwestri kawtelatorji bin-numri 676/2021 u 677/2021 kontra Mark Attard, fl-ammonti ta' €50,000 u €100,000 rispettivament;

14. Wara li ntlaqgħu dawn il-mandati, il-Bank of Valletta p.l.c. u l-HSBC Malta plc ppreżentaw fl-atti tal-istess mandati, żewġ ċedoli ta' depożitu ta' flejjes li kienu miżmumin magħhom fuq isem Mark Attard;

15. Johan Huy *pro et noe* fetaħ kawża fit-**28 ta' Mejju, 2021**, fl-ismijiet ***Johan Huy pro et nomine v. Mark Attard*** **(Rik Nru: 514/2021),** fejn fiha huwa talab illi jiġi mħallas għad-danni li allegatament ġarrab minħabba l-azzjonijiet meħuda minn Mark Attard. Fil-kawża, Johan Huy *pro et noe* ma semma l-ebda ammont ta' ħlas speċifiku, iżda ħalla l-likwidazzjoni f'idejn il-qorti, bl-għejun, jekk ikun hemm bżonn, ta' perit tekniku;

16. Dakinhar stess li ġiet ippreżenta din il-kawża, Johan Huy *pro et noe* talab u kiseb it-tielet mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 802/2021, fl-ammont din id-darba ta' €200,000. Dan l-aħħar mandat huwa l-mertu ta' din il-proċedura;

17. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-aħħar mandat kienet minħabba, «*danni kkaġunati mis-sekwestrat lis-sekwestranti; talbiet kif dedotti aħjar f'kawża rikors ġuramentat kontestwali*»;

18. B'digriet mogħti fit-**28 ta' Ġunju, 2021**, din il-qorti kif presjeduta, sabet li l-mandat numru 676/2021 fl-ammont ta' €50,000 m'għadux aktar fis-seħħ minħabba li l-mandat ma ġiex segwit b'kawża fiż-żmien li tgħid il-liġi. Fl-istess digriet, Johan Huy ġie kkundannat biex iħallas lil Mark Attard, penali fis-somma ta' €3,000;

***Konsiderazzjonijiet***

19. Fl-**ewwel talba** tiegħu, Mark Attard qiegħed jitlob lill-qorti biex il-mandat jitneħħa għalkollox skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex fil-fehma tiegħu l-ammont ta' €200,000 kawtelat fil-mandat minn Johan Huy *pro et noe*, mhux biss mhuwiex ġustifikat mad-daqqa t'għajn, iżda li d-danni allegatament mitluba minnu ma jeżistux u ġew ivvintati;

20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu, illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jenforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati katwelatorji qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara ***Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;

21. F'dan il-każ, il-mandat kawtelatorju magħżul minn Johan Huy *pro et noe* huwa dak tas-sekwestru kawtelatorju;

22. L-għan ta' mandat ta' sekwestru, kemm jekk wieħed esekuttiv u kif ukoll jekk wieħed kawtelatorju, huwa dak fejn kreditur ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor (ara ***Jimcam Enterprises Ltd v. Charles Zammit et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' April, 2009);

23. Ma' dan però, jiżdied jingħad ukoll, li kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Kummerċ fid-deċiżjoni tagħha ***Avukat Louis Cassar Pullicino nomine v. Dr. Yana Micallef Stafrace nomine*****,** mogħtija fit-13 ta' April, 1991, b'riferenza għall-ġurisprudenza preċedenti;

> *«Il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-disposizzjonijiet tal-liġi dwarhom **<u>għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża</u>**.»*

24. Wara kollox, għalkemm il-mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, però, dawn m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhom jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw (ara ***Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru, 2013);

25. Issa biex jitħassar mandat taħt l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** il-qorti trid tistħarreġ żewġ affarijiet: fl-<u>ewwel lok</u>, jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-esekutant għandu bażi ta' pretensjoni; u fit-<u>tieni lok</u> jekk dan wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat (ara ***Dr. Henri Mizzi pro et noe v. Jebmed Srl*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Settembru, 2019);

26. Dwar l-<u>ewwel ħtieġa</u>, il-qorti ma tistax tgħid għalissa li *Johan Huy pro et noe* m'għandux pretensjoni li hija ġustifikata. Il-mandat ta' sekwestru 802/2021 li qiegħed jiġi attakkat minn Mark Attard ġie marbut mar-rikors maħluf 514/2021. F'dan ir-rikors, Johan Huy *pro et noe* qed jallega li ġarrab danni għaliex: (i) il-post mikri lilu minn Mark Attard kellu *fuse box* u arloġġ tad-dawl perikolużi u kamra tal-

banju mingħajr ventilazzjoni; (ii) tilef sussidju mill-Gvern; (iii) saru tibdiliet strutturali fil-post mingħajr permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar; (iv) il-post kien mibni bi ksur tar-regolamenti tas-sanità; u (v) il-post ma setax jintuża bħala *showroom* u ħanut;

27. Naturalment Mark Attard jista' ma jaqbel xejn ma' dawn il-pretensjonijiet, iżda b'daqshekk ma jfissirx li Johan Huy *pro et noe* m'għandux sies legali sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu;

28. Il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ġie ppruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Huwa għal din ir-raġuni li ma jistax jingħad li s-sempliċi fatt li ġudikant ikun laqa' jew ċaħad talba għal ħruġ ta' mandat kawtelatorju oġġettivament jiġġustifika xi preokkupazzjoni dwar l-imparzjalità tiegħu, meta huwa jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu dwar l-istess dritt li kien is-suġġett tal-mandat kawtelatorju, sakemm ma jkunux jeżistu xi ċirkostanzi speċjali (ara ***Sandro Chetcuti et v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005);

29. Il-mistoqsijiet li jrid jagħmel ġudikant lilu nnifsu meta jeżamina talba għall-ħruġ jew tneħħija ta' mandat kawtelatorju huma differenti minn dawk li jrid jagħmel meta jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu;

30. Dan meqjus, dak li qed tgħid il-qorti huwa li hija mhijiex f'qagħda li tgħid minn issa, f'din il-proċedura ta' tneħħija tal-mandat, jekk il-pretensjonijiet imressqa minn *Johan Huy pro et noe* fir-rikors maħluf humiex siewja jew le. Ma jistax jingħad li mid-daqqa t'għajn huwa m'għandux raġun ifittex għad-danni li qed jgħid li ġarrab;

31. Fid-dawl ta' kollu, din il-qorti mingħajr bl-ebda mod ma qiegħda tippronunzja ruħha dwar is-siwi tat-talbiet imressqa fir-rikors maħluf, tgħid li tajjeb jew ħażin, Johan Huy *pro et noe* wera li huwa għandu pretensjoni xi jressaq kontra Mark Attard. Issa jekk din il-pretensjoni hijiex mistħoqqha jew le, wieħed irid jara mhux

f'din il-proċedura tar-revoka tal-mandat iżda waqt li jkun qiegħed jiġi diskuss il-mertu nnifsu tar-rikors maħluf, fil-kawża prinċipali li hemm bejn il-partijiet;

32. Ngħaddu issa għat-tieni ħtieġa, *viz*. jekk Johan Huy *pro et noe* rnexxilux jillikwida l-pretensjoni tiegħu f'somma li taqbel mal-ammont li ġie maħluf minnu fil-mandat. Fi kliem ieħor, il-qorti trid tara jekk is-somma indikata fil-mandat tagħmilx sens mal-pretensjonijiet dedotti minn Johan Huy *pro et noe*;

33. Fl-atti tar-rikors tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, Johan Huy *pro et noe* ma ressaq l-ebda ħjiel ta' prospett biex juri ta' kif wasal għaċ-ċifra ta' €200,000. Barra minn hekk, bħala kawżali jew raġuni li fuqhom huwa wasal għas-somma ta' €200,000, huwa rrefera biss għar-rikors maħluf. Ebda tagħrif ma ngħata dwar kif id-danni li qiegħed jitlob telgħu għal dik iċ-ċifra ta' €200,000;

34. Mill-banda 'l-oħra, jekk wieħed idur fuq ir-rkors maħluf 514/2021, li suppost fuqu nħareġ il-mandat, wieħed isib li Johan Huy *pro et noe* ma semma l-ebda ammonti speċifiċi ta' danni. Anzi jidher li huwa talab lill-qorti biex tillikwida hija stess id-danni li huwa qed jgħid illi ġarab;

35. Dwar dan il-punt, jissokta jingħad li l-liġi ma titlob imkien li, biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, ir-rikorrent irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018). Tassew, kulma titlob il-liġi hu li r-rikorrent isemmi: (i) «l-«*oriġini u x-xorta tad-debitu*» **(artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12**); (ii) «l-*ammont li għalih tammonta t-talba*» (**artikolu 831(1)(b) tal-Kap 12**); u (iii) li dan kollu jkun maħluf;

36. Issa Mark Attard jgħid fir-rikors tiegħu, li l-ammont imsemmi minn Johan Huy *pro et noe* fil-mandat ma jeżistix u li huwa vvintat. Madankollu kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Charles De Giorgio Limited v. Perit Christian Spiteri*** mogħtija fit-23 ta' Lulju, 2003,

> «*Il-kriterju ta' x'inhu l-ammont ġustifikat jew x'inhu eċċessiv ma jiġix pruvat b'argument li jifforma l-mertu tal-kwestjoni.*»

37. L-oneru li l-ammont imsemmi fil-mandat huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat jaqa' fuq min qiegħed jitlob ir-revoka tiegħu (ara ***Natalia Maggi v. Edward Maggi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 tsa' Settembru, 2000) Għalhekk mhux biżżejjed għal Mark Attard li jgħid fir-rikors tiegħu li l-mandat huwa vvintat u ma jeżistix biex iwaqqa' l-mandat;

38. Madankollu, minkejja illi qorti għandha toqgħod lura milli tidħol fil-mertu tat-tilwima, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li xogħol il-qorti fil-ħruġ jew fiż-żamma ta' mandat katwelatorju huwa li tara jekk l-ammont indikat fil-mandat ta sekwestru huwiex wieħed li raġonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni (ara ***Salvino Farrugia v. Exalco Holdings Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru,1999, ***Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005, ***Avv J.J. Vella noe v. Eden Irish Aircraft Leasing MS 204 Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2012 u ***Marco Bugelli v. Mark Micallef et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2018);

39. Hekk pereżempju, fid-digriet ***Mario Gafa v. Noel Gafa*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju, 2017, il-qorti naqset l-ammont kawtelat bil-mandat għaliex l-ammont imsemmi fil-mandat kien ħafna inqas mill-ammont imsemmi fir-rikors maħluf;

40. Illi mħaddma dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemna, din il-qorti ssib li f'dan il-każ Johan Huy *pro et noe*, tabilħaqq naqas milli jiġġustifika s-somma ta' €200,000 li huwa ried jikkawtela bil-mandat. Dan qed jingħad għal għadd ta' raġunijiet;

41. Ibda biex, għalkemm fil-mandat tiegħu Johan Huy *pro et noe* jorbot is-somma ta' €200,000 mar-rikors maħluf, madankollu fir-rikors maħluf ma hemm l-ebda indikazzjoni għal din iċ-ċifra. Din il-qorti tifhem li bħalma Johan Huy *pro et noe* kien kapaċi jniżżel is-somma mhux żgħira ta' €200,000 fil-mandat, huwa kellu jkun kapaċi wkoll iniżżel l-istess somma jew anke somma ikbar fir-rikors maħluf;

42. Mhux sew li *Johan Huy pro et noe* jsemmi ċifra fil-mandat u ma jsemmi l-ebda ċifra fir-rikors maħluf;

43. Terġa' u tgħid, il-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri ma kienx l-uniku mandat li Johan Huy *pro et noe* kiseb b'rabta mal-pretensjoni dedotta fir-rikors maħluf. F'dan ir-rigward, il-qorti hija tabilħaqq ħosbiena kif għall-pretensjonijiet imsemmija fir-rikors maħluf, Johan Huy *pro et noe* talab li jinħarġu tliet mandati, fl-ammont komplessiv ta' €350,000;

44. Bla ma tidħol fuq il-mertu tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet, il-qorti ma tistax lanqas, bir-riga tal-*prima facie*, tifhem kif l-allegati danni msemmija fir-rikors maħluf jistgħu qatt iwasslu għal-likwidazzjoni ta' €350,000. Ammonti li jitniżżlu f'mandati għandhom isiru b'responsabbilità u prudenza kbira u mhux jiġu sparati b'mod arbitrarju, superfiċjali jew saħanistra b'ħażen;

45. Hekk ukoll, għalkemm din il-qorti tista' tasal biex tifhem li Johan Huy *pro et noe*, seta' ressaq it-tielet mandat għaliex huwa kien konxju li l-mandat numru 676/2021 tilef l-effetti tiegħu għaliex dan ma ġiex segwit b'kawża skont il-liġi, però din il-qorti ma tista' tifhem qatt kif minn mandat oriġinali ta' €50,000 dan tela' għal €200,000 bla spjegazzjoni ta' xejn, la fl-atti tal-mandat u lanqas fir-rikors maħluf;

46. Hawnhekk il-qorti qiegħda żżomm quddiem moħħha, dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut*** tal-5 ta' Ġunju, 2003 li,

> *«hu dmir tal-kreditur li jsegwi l-effetti tal-mandati u jekk jara li ġie kawtelat aktar milli meħtieġ, hu stess għandu jieħu l-inizjattiva biex jitlob it-tħassir ta' dawk il-Mandati 'żejda'»*

47. F'dan il-każ, Johan Huy *pro et noe* mhux talli pprova jrażżan l-ammont kawtelat iżda talli qabad u għollih b'aktar mid-doppju, mingħajr ebda raġuni;

48. Fuq kollox, ħaġa li għokrot sew għajnejn il-qorti, huwa l-fatt li Johan Huy *pro et noe* lanqas biss ħass li kellu għalfejn iwieġeb għal dan ir-rikors dwar it-tneħħija ta'

dan il-mandat. Il-qorti taraha ftit stramba kif Johan Huy *pro et noe* ma ddejjaq xejn li jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, fl-ammont kawtelat ta' €200,000, iżda imbagħad għażel li ma jiddefendihx, u dan minkejja li Mark Attard fir-rikors għar-revoka tal-mandat, sostna li l-mandat nħareġ, «*qisu qed jilgħab it-tiritombla, ifaqqa' numru u l-ammonti bl-addoċċ bl-uniku skop li malizzjożament jattakka u jipprova jġib għarrkobbtejh lill-esponen*t»;

49. Il-fatt li Johan Huy *pro et noe* għażel li jmerix din l-allegazzjoni kemmxejn qawwija, għalkemm waħidha mhijiex biżżejjed biex twaqqa' l-mandat, però tfisser ħafna dwar il-motivazzjonijiet ta' Johan Huy *pro et noe*;

50. Dan kollu jdaħħal suspett qawwi u raġonevoli f'moħħ il-qorti, li kif saħaq Mark Attard fir-rikors tiegħu, il-veru għan wara l-mandat min-naħa ta' Johan *Huy pro et noe* kien aktar maħsub biex iweġġa' milli biex jikkawtela xi pretensjonijiet;

51. F'ċirkostanzi bħal dawn, meta wieħed iqis li l-ammont ta' €200,000 imsemmi fil-mandat la jista' jiġi miżżewweġ mal-pretensjonijiet imsemmija fir-rikors maħluf u lanqas ma jista' jiġi miżżewweġ mal-mandati preċedenti li nħarġu biss madwar xahar qabel, din il-qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li mad-daqqa t'għajn, iċ-ċifra ta' €200,000 imsemmija fil-mandat kienet waħda għalkollox azzardata li ma ssibx post fil-pretensjonijiet li qegħdin jiġu allegati fir-rikors maħluf,

52. Din il-qorti ma tistax b'kuxjenza kwieta toqgħod b'idha fuq żaqqha u tħalli fis-seħħ mandat bħal dan. Għalhekk hija qiegħda tilqa' l-ewwel talba ta' Mark Attard, li l-mandat 802/2021 għandu jitneħħa minħabba li mid-daqqa t'għajn tiegħu ma jirriżultax li huwa ġustifikat;

53. Fit-**<u>tieni talba</u>** tiegħu, Mark Attard jitlob li l-mandat għandu jiġi mħassar ukoll għaliex dan mhuwiex raġonevoli li jibqa' jinżamm fis-seħħ jew mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli skont l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

54. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Angelo Borg et v. Anthony Sciberras*** deċiża fis-7 ta' Mejju, 2010 fissret li,

*«Kuntrarjament għall-każi l-oħra msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 836(1) jidher li l-paragrafu (f) fuq ċitat jagħti diskrezzjoni qawwijja lill-Qorti li tkun qed tikkunsidra t-talba billi hemm jintużaw il-kliem "raġonevoli" u "ġustifikabbli". Dan ipoġġi aktar piż fuq il-ġudikant meta jiġi biex jipprovdi fuq it-talba li tkun qegħda quddiemu*.»

55. Dan meqjus però, din il-qorti taqbel ukoll mal-fehma espressa f'dawk id-deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ingħad li l-**artikolu 836(1)(f)**, japplika biss fis-sitwazzjoni fejn ikollok waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li tkun teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, iżda li ma tibqax hekk teżisti wara l-ħruġ tal-mandat (ara *inter alia* ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta' Jannar, 2021, ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** tad-29 ta' Settembru, 2020, ***Bartholomeo Bonett et v. George Borg et*** tat-23 ta' Ottubru, 2007 u ***Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et*** tat-3 ta' Awwissu, 2001);

56. Dak li jgħodd għalhekk biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għalkollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ (ara ***Ivan John Debono v. Antoine Vella***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021);

57. Il-bdil li għalih japplika dan is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara ***Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

58. Fil-każ tagħna, Mark Attard ma semma l-ebda ġrajja ġdida fir-rikors tiegħu, li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat inkwistjoni fit-28 ta' Mejju, 2021. Tassew ir-raġunijiet li mbuttaw lil Mark Attard biex jitlob it-tħassir ta' dan il-mandat ġa kienu

jeżistu fil-mument li ntlaqa' l-mandat fit-28 ta' Mejju, 2021 u ma nibtux minn ċitkostanzi li seħħew wara;

59. Għalhekk din il-qorti ma tistax tilqa' din it-tieni talba ta' Mark Attard biex il-mandat jitneħħa għar-raġuni misjuba fl-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

60. Illi t-**tielet talba** ta' Mark Attard biex jinħareġ il-kontromandat hija ġustifikata, ladarba din il-qorti laqgħet l-ewwel talba tiegħu li l-mandat għandu jitneħħa għalkollox skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

61. Jifdal biss ir-**raba' talba**, biex Johan Huy *pro et noe* jiġi kkundannat iħallas penali skont l-**artikolu 836(8)(b)** jew **(d)**;

62. It-twaħħil tal-penali mhijiex awtomatika kull meta jinstab li hemm raġunijiet tajba biex jitneħħa l-mandat. Kemm hu hekk, ingħad kemm-il darba li s-sanzjoni tal-penali hija waħda fakoltativa (ara *inter alia* ***Office Group Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2017 u ***Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et v. Market Handle Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Diċembru, 2011);

63. Il-liġi, fl-**artikolu 836(8)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, issemmi erba' ċirkostanzi biss li minħabba fihom wieħed jista' jeħel penali għal ħruġ ħażin ta' mandat. Skont il-ġurisprudenza dawn l-erba' raġunijiet huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa (ara ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020, ***Rosie Lehner v. Ian Pace*** deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Awwissu, 2009 u ***Cole Foods Ltd v. Euro Imports Ltd*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2003);

64. Il-penali msemmija fl-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija waħda ta' ordni pubbliku maħsuba mhux biss biex tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju iżda anke biex ma tħallix li l-għodda tal-mandati kawtelatorji ma jintużawx bl-

addoċċ jew b'mod abbużiv (ara ***Joseph Borġ pro et noe v. Joseph Paċe noe et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2010);

65. Ifisser dan, li l-qorti m'għandhiex tibża', tħenn jew toqgħod lura milli twaħħal il-penali fejn tirriżulta waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Anzi huwa fid-dmir tagħha li twaħħal il-penali f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Huwa biss f'każijiet estremi fejn is-sens tal-ġustizzja hekk titlob, li l-qorti għandha tqis li ma twaħħalx il-penali (ara ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001);

66. Illi l-<u>ewwel raġuni jew kawżali</u> msemmija minn Mark Attard għaliex Johan Huy *pro et noe* għandu jeħel il-penali hija mibnija fuq l-**artikolu 836(8)(b)**;

67. Dan is-subinċiż jgħid li t-twaħħil ta' penali hija mistħoqqha f'żewġ ċirkostanzi differenti, *viz*.

   i. Jekk min talab il-mandat jonqos milli jiġġustifikah; jew
   ii. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ta' urġenza, l-esekutant jonqos milli jgħarraf lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, bil-pretensjonijiet li huwa għandu kontrih;

68. Dwar l-ewwel ċirkostanza, din il-qorti ġa esprimiet fit-tul il-fehma tagħha, waqt li kienet qiegħda tqis l-ewwel talba ta' Mark Attard, li fuq bażi *prima facie*, Johan Huy *pro et noe* naqas milli jiġġustifika għaliex ħass li kellu jitlob il-ħruġ ta' mandat fis-somma ta' €200,000. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis, li dan il-mandat ġa kien preċedut minn żewġ mandati oħra li saru xahar qabel b'total ta' €150,000 u meta wieħed iqis li fir-rikors maħluf ma hemmx indikazzjoni ta' kemm huwa qed jippretendi li jitħallas bħala kumpens għad-danni li qed jgħid illi ġarrab;

69. Għalhekk il-qorti ssib li għandha twaħħal penali lil Johan Huy *pro et noe* minħabba din iċ-ċirkostanza;

70. Dwar it-tieni ċirkostanza msemmija fl-**artikolu 836(8)(b)**, *viz*. jekk saritx interpellazzjoni għallinqas ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, intqal kemm-il

darba li l-liġi ma tridx li din tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali (ara *inter alia* ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 t'Awwissu, 2017, ***Office Group Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 t'April, 2017 u ***Ian Sammut v. Entree Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Settembru, 2009);

71. Tajjeb li jingħad ukoll, li l-fatt waħdu li ma tkunx saret talba bħal din, qabel ħmistax-il jum li jkun inħareġ il-mandat, mhijiex meqjusa bħala raġuni awtomatika biex dak li jkun jeħel il-penali. Dan għaliex jekk dak li jkun juri li kien hemm raġuni tajba għaliex ma ressaqx talba preċedenti għall-mandat, il-penali m'għandhiex tingħata (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999 u ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

72. Illi fl-atti ta' din il-proċedura ma hemm xejn x'juri li Johan Huy *pro et noe* kien ressaq talba preċedenti lil Mark Attard biex iħallas l-ammont ta' €200,000 imsemmi fil-Mandat. Anzi jidher li *Johan Huy pro et noe* kien ressaq saħanistra żewġ mandati oħra f'ammont globali ta' €150,000;

73. Għalhekk anke fuq dan il-punt, il-qorti ssib li hemm raġuni tajba biex Johan Huy jeħel penali;

74. It-<u>tieni raġuni</u> għaliex skont Mark Attard il-qorti għandha twaħħal penali lil Johan Huy *pro et noe* tinsab mibnija fuq l-**artikolu 836(8)(d)**, għaliex fil-fehma tiegħu l-mandat inħareġ b'malizzja;

75. Anke dwar dan l-aspett, il-qorti tasal biex taqbel ma' Mark Attard li dan il-mandat fis-somma ta' €200,000 ħareġ b'ċertu ħażen fil-ħsieb. Huwa ċar f'moħħ il-qorti, li bil-ħruġ ta' dan il-mandat Johan Huy *pro et noe* kien interessat biss li jweġġa' jew isallab lil Mark Attard. Dan għaliex il-pretensjonijiet ta' danni, kif imfissra b'mod vag minn Johan Huy *pro et noe* fir-rikors maħluf tiegħu, ma kellhom qatt jiġbdu lejhom mandat ta' sekwestru katwelatorju fis-somma ta' €200,000, wara li ġa kien

kien hemm fis-seħħ żewġ mandati ta' sekwestri oħra f'ammont totali ta' €150,000;

76. Il-qorti tqis li l-ħruġ tal-mandat 802/2021 inħareġ minn Johan Huy *pro et noe* bid-dnewwa u mhux biex verament jiġi kkawtelat xi kreditu. Għalhekk anke minħabba din ir-raġuni, huwa jistħoqqlu li jeħel il-penali;

77. Kulma jibqa' huwa l-ammont ta' penali li Johan Huy *pro et noe* għandu jħallas lil Mark Attard. Il-liġi tgħid fl-**artikolu 836(8)** li l-penali għandha tinżamm bejn €1,164.69 u €6,988.12;

78. Fil-ġudizzju tagħha, il-qorti qiegħda tqis li Johan Huy *pro et noe* ħaqqu jeħel penali, mhux biss għar-raġuni msemmija fl-**artikolu 836(8)(b)** peress li mingħajr raġuni tajba huwa qabad u mar għall-ħruġ tal-mandat qabel ma ressaq talba preċedenti dwar il-pretensjonijiet tiegħu, iżda anke għar-raġuni msemmija fl-**artikolu 836(8)(d)** li l-mandat inħareġ b'malizzja. Magħdud magħhom, il-qorti qiegħda tqis ukoll il-valur għoli tal-mandat u l-fatt li dan kien it-tielet mandat li nħareġ kontra Mark Attard;

79. Minħabba f'hekk, il-qorti tqis li penali fl-ammont ta' **<u>€4,500</u>** għandha titqies bħala waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tal-5 ta' Lulju, 2021 billi:

i. **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** u b'hekk tiddikjara li l-ammont mitlub fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021 mhuwiex *prima facie* ġustifikat skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

ii. **<u>Tiċħad it-tieni talba</u>** taħt l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex ma ntweriex li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021;

iii. **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** u tordna għalhekk li jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021 u li joħroġ il-kontro-mandat opportun; u

iv. **<u>Tilqa' r-raba talba</u>** u b'hekk tikkundanna lil Johan Huy *pro et noe* sabiex iħallas penali lil Mark Attard, fis-somma ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500);

**<u>Tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta mal-ħruġ u t-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021 jitħallsu kollha kemm huma minn Johan Huy *pro et noe*;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**